MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 993/2003

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Malta Resources Authority sia bil-polza u sia bil-ligi u l-istess Malta Resources Authority**

**vs**

**Alexander Camilleri.**

**It-Tribunal**,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta Mejju 2003 fejn l-atturi qed jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat jhallashom is-somma ta tliet mija u sebgha u tletin lira (Lm337) rapprezentanti danni u spejjes sofferti mill-atturi f'incident stradali li sehh fis-17 ta Lulju 2002 gewwa Triq Ix-xatt, Msida bejn il-vettura numru MRA 004 proprjeta tal-Awtorita attrici u l-vettura numru DAA 573 misjuqa mill-

konvenut liema incident sehh minnhabba tortijiet unikament imputabbli ghall-istess konvenut.
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali interpellatorja u tal-ittra ufficcjali kontestwalment prezentata a tenur tal-kap 104 tal-Ligijiet ta Malta u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficcjali sad-data tal-pagament.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-10 ta Gunju 2003 fejn ikkontesta it-talba attrici stante li huwa ma jahtix ghall-incident in kwistjoni oltre li l-valur tad-danni pretizi huma eccessivi. B'riserva li jitresqu eccezzjonijiet ohra.

Ra l-provi mressqa u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

PS 245 Keith Arnaud li kkonferma r-rapport u skizz imhejji minnu jirrapporta l-verzjonijiet tal-partijiet rispettivi billi jnizzel li l-konvenut jallega li hu kien miexi fuq il-lane ta gewwa sejjer lejn il-Belt meta f'daqqa wahda l-vettura tal-atturi li kienet miexja fuq il-lane ta barra kisret ghal quddiemu. Minn-naha l-ohra is-sewwieq tal-vettura tal-atturi ighid li hu kien wieqaf fuq il-lane ta barra stante li t-traffiku kien wieqaf fuq iz-zewg lanes meta f'daqqa wahda hass lil xi hadd ikaxkru u wara nnota li kien il-crane. Dan is-sewwieq ta l-ahhar jismu Joseph Tabone jikkonferma bil-gurament tieghu l-verzjoni li kien ta lill-Pulizija. Ighid inoltre li kien wieqaf fuq in-naha ta barra fejn it-traffic lights u li kemm quddiemu u kif ukoll ma gembu (cioe fuq in-naha ta gewwa-fuq ix-xellug tieghu) kien hemm zewg vetturi ohra wieqfa. F'hin minnhom sema hoss fuq il-gemb tal-vettura tieghu li rrizulta li kien il-crane li laqtu u li qabdu mill-fus ta wara u gholliha l-fuq – cioe in-naha tar-rota tat-trakk qabdet in-naha tar-rota tal-vettura. Fil-mument tal-incident Tabone ighid li kien u baqa wieqaf. Muri l-iskizz esebit u markat bhala Dok KA 2, Tabone jghid li ma jaqbilx mieghu peress illi a) it-traffic lights ma jidhrux b) hu ntlaqat bir-rota ta quddiem tat-trakk u mhux kif indikat fl-iskizz qisu partikolarment meta tqis li mal-impatt it-trakk kien waqaf hesrem c) il-vettura tieghu

kienet weqfa fid-dritt u mhux kif tidher fuq il-karreggjata tax-xellug.
Difatti in kontro-ezami huwa jerga jinnega li kien wieqaf fuq il-linja medjana u kif ukoll jinnega l-verzjoni li ta l-konvenut dwar il-manuvra tieghu kif rappurtata mill-pulizija. Ighid ukoll li ghalkemm ma gembu fuq in-naha tax-xellug kien hemm vetturi ohra, pero dawn kienu aktar il-quddiem u dana sakemm gie t-trakkma gembu.

In kontro-ezami, is-surgent tal-pulizija jikkonferma l-posizzjoni tal-vetturi fejn sabhom u li huwa kien ha l-qisien mic-centre strip.  Illi ghalhekk jikkonferma li l-vettura misjuqa minn Tabone kienet tinstab bejn iz-zewg karreggjati u lagemba kif tidher fuq l-iskizz.

Il-konvenut jikkonferma l-verzjoni li huwa kien ta lis-surgent. Ighid li kien hemm hafna traffiku u li huwa kien miexi fuq in-naha ta gewwa cioe fuq il-karreggjata tax-xellug. Jiftakar li quddiemu kien hemm spazju vojt pero fuq il-karreggjata tal-lemin it-traffiku kien imwahhal. Huwa jinsisti li f'hin minnhom il-vettura li kienet qed tinstaq biswit tieghu ddecidiet li tidhol filkarreggjata ta gewwa cioe fl-ispazju li t-trakk kellu qudiemu bil-konsegwenza li habtet mat-trakk. L-impatt fuq it-trakk sehh fuq l-iskorfina tat-tyre. Huwa jaqbel mal-iskizz esebit hlief ghall-fatt li jallega li l-posizzjoni tal-vettura tal-atturi kienet milwija l-gewwa lejh ghax fil-fatt hu kien qabadha bl-iskorfina tar-rota tieghu mal-bieba ta wara tal-vettura mentri fuq l-iskizz donnu li l-impatt jinsab indikat fin-nofs u kif ukoll li l-hsara fuq il-crane sehhet fuq ir-rota tieghu ta quddiem u mhux man-nofs tal-crane. Difatti l-konvenut immarka b'inka hamra fejn kienet il-hsara (a fol 17). Naturalment hu ma jaqbilx mal-verzjoni moghtija minn Tabone.

It-Tribunal jinnota li l-atturi baqghu ma esibewx id-dokumenti li kien fadlilhom partikolarment l-iskizz imhejji minnhom stess allegatament dak in-nhar tal-incident.

Illi mill-provi prodotti it-Tribunal isibha ferm difficli biex jasal ghal konkluzjoni dwar htija ta l-inciden tin kwistjoni partikolarment meta tqis il-fatt li x-xhieda nghatat quddiem Gudikatur iehor.

Illi madankollu qed jigi osservat is-segwenti minn dan li jista jikkonstata t-Tribunal fuq il-provi prodotti u cioe:-

1) Il-Principju min jallega irid jipprova jitfa piz fuq l-atturi biex iressqu prova soddisfacenti dwar il-htija tal-konvenut, liema prova t-Tribunal ihoss li baqghet ma ngabitx;
2) Illi t-Tribunal ma jistax jifhem kif setgha sehh l-incident jekk toqghod fuq il-verzjoni tas-sewwieq tal-vettura tal-atturi u dana peress illi jekk iz-zewg vetturi nvoluti kienu mexjin bil-mod fuq il-karreggjata rispettiva taghhom fit-traffiku ma setgha qatt isehh l-impatt sakemm it-trakk ma kkalkolax hazin l-ispazju tal-wisgha tal-karreggjata tieghu;
3) Illi ghalhekk it-Tribunal huwa aktar propens li jemmen il-verzjoni moghtija mill-konvenut u cioe li Tabone li kien wieqaf fit-traffiku fuq il-karreggjata ta barra, ra spazju fuq il-karreggjata ta gewwa u qabad u kiser ghal gewwa bil-konsegwenza li laqat it-trakk;
4) Illi jinghad pero li dan it-Tribunal isib li l-konvenut ma ghandu ebda htija mill-mod kif gie redatt l-iskizz tas-surgent tal-Pulizija u mix-xhieda moghtija mill-istess surgent, liema xhud u prova in mankanza ta prova kuntrarja ghandu jitqies bhala xhud indipendenti. Illi skond l-istess skizz tieghu (Dok KA 2 a fol 17) l-vettura tal-atturi tinsab wieqfa fuq il-linja medjana bejn iz-zewg karreggjati liema fattur jindika jew li Tabone kien qed isuq hazin jew li pprova jaghmel dik il-manuvra li spjega l-konvenut;
5) Li kieku l-vettura tal-atturi tkaxkret waqt li kienet wieqfa jew miexja fuq il-karreggjata ta barra, konna nsibu lit-trakk b'xi mod inpingi fuq il-karreggjata ta barra u mhux bil-kontra.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi jakkolji l- eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jichad it-talbiet attrici u kwindi jiddikjara li Joseph Tabone kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni li sehh minnhabba traskuragni tieghu bl-ispejjes ta dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------